**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Jur. Mag. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Dicembru, 2019

Rikors Guramentat numru: 142/15 AL

**A B**

**Vs**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta:

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi minn relazzjoni li l-esponenti kellu mal-intimata, fl-20 ta' Awwissu 2012 twieled it-tifel F G B E u dan kif jirrizulta wkoll minn kopja taċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness bħala Dok A);
2. Illi l-imsemmi tifel minorenni jirresjedi mal-intimata;

3. Illi l-esponenti ilu ma jara lill-istess ibnu minorenni għal ħafna żmien u dan peress li l-intimata ċaħditu milli jagħmel dan.
4. Illi minħabba f'dan l-aġir tal-intimata, fit-12 ta' Frar 2015, l-esponent pprezenta ittra/nota tat-12 ta' Frar 2015 li biha talab li tinfetaħ proċedura ta' medjazzjoni sabiex hu jkun jista` jibda jara lil ibnu minorenni u joqgħod ma' ibnu regolarment.
5. Illi bid-digriet ta' din l-Qorti tal-24 ta' April 2015 moghti fl-atti tal-istess medjazzjoni mibdija permezz tal-ittra/nota nru. 205/15 hawn fuq imsemmija, ġie fost oħrajn ordnat li *pendente lite* il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri F G B E tkun konġunta f'idejn l-esponenti u l-intimata b'dan li d-deċiżjonijiet ta' kuljum jittieħdu mill-intimata, li l-minuri jirresjiedi ordinarjament mal-intimata b'aċċess favur l-esponenti inizjalment darbtejn fil-ġimgħa, siegħa kull darba taħt is-superviżjoni tal-Ħaddiema Soċjali Therese Micallef sakemm il-Qorti fil-kawza ma tagħtix ordni oħra u kif ukoll awtorizzat lil esponent jipproċedi b'kawza dwar il-kura, kustodja u aċċess tal-istess iben minuri.
6. Illi s'issa l-esponent għadu mhux qed jara lil ibnu anke jekk dan gie ordnat mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-24 ta' April 2015 u allavolja l-esponent ħa l-briga li jara li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jkun notifikat lil Ħaddiema Soċjali biex tara li d-digriet dwar l-aċċess jiġi implimentat fit-termini tad-digriet tal-Qorti.

## B. Raguni għat-talbiet f'dawn il-proċeduri

Illi din il-procedura qed issir in vista tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' April 2015 fl-ittra/nota nru. 205/15 u fit-terminu stabbilit mill-liġi sabiex jiġi kkonfermat li l-esponenti għandu jkollu l-kura u l-kustodja kongunta ta' ibnu minorenni F G B E u kif ukoll biex hu jkollu aċċess regolari, xieraq u adegwat għall-istess ibnu minorenni.

## C. Talbiet Attrici

Talab in vista ta' dak kollu hawn fuq premess li l-konvenuta tgħid għaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tikkonferma l-attur fil-kura u kustodja konġunta tat-tifel minorenni F G B E; u
(2) Tiffissa aċċess regolari, xieraq, adegwat u effettiv lill-attur biex dan ikun jista` regolarment jara lill u jkun mal-istess ibnu minorenni F G B E.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet (fol. 10) :

Illi filwaqt li l-esponenti taqbel mal-ewwel zewg paragrafi tar-rikors guramentat hekk kif intavolat mill-attur, ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet fil-paragrafi l-ohra, u dana stante illi huma inveritieri u infondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Illi l-esponenti tissottometti, illi effettivament l-attur ilu li abbanduna l-obbligi tieghu bhala missier, sa minn meta l-minuri kien ghad kellu biss xahar, u dana wara li huwa refa' idu fuq l-esponenti u kecciha b'tarbija ta' xahar, bil-konsegwenza li hi kellha tirritorna fir-residenza tal-genituri taghha;

Illi sfortunatament l-attur abbanduna r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier mill-ewwel jum li twieled ibnu u mill-ewwel ippretenda illi l-esponenti u l-minuri jmorru ghand in-nanniet materni, biex jghinuha trabbi lill-ibnu ghax hu ddecieda illi l-istess minuri huwa l-problema tal-esponenti omm u mhux tieghu;

Illi sfortunatament, il-minuri F li ghadu t'eta` teneressima twieled b'komplikazzjonijiet f'qalbu u huwa kien anke ttella' l-Ingilterra ghal diversi kirurgiji li kienu mehtiega biex huwa seta' jkompli jghix; dan kollu sar a spejjez tal-esponenti u l-genituri taghha li kienu ta' sapport kbir f'dak kollu li hi u binha ghaddew minnu u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

Illi l-attur dejjem ghazel il-hajja tal-hrug, xalar u nisa ohra fuq ibnu li ilu ma jara sa minn meta l-minuri kellu xahar u l-esponenti dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-imsemmi minuri wahidha u dana bl-ghajnuna tal-genituri taghha;

Illi kien biss bl-intervent ta' dil-Onorabbli Qorti li l-attur beda jivversa manteniment ghall-ibnu, wara kwazi tliet snin shah, u dan wara li dil-Onorabbli Qorti ordnat li l-manteniment jinqata' direttament mill-paga tal-attur;

Illi kif juri kjarament ir-rikors guramentat odjern, l-attur m'ghandu l-ebda interess li jmantni lill-ibnu u fil-fatt it-talbiet huma limitati ghall-kura u l-kustodja u l-access; tant li l-esponenti ser ikollha tipprevalixxi ruhha mill-kontro-talba. Dan ikompli johrog bic-car, il-karattru tal-attur li qatt ma impurtah li ibnu jghix hajja decenti;

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti topponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:

1. Illi l-esponenti qed topponi ghall-ewwel talba, li l-kura u kustodja tal-minuri F G B E, tigi fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejniethom u effettivament ftit li xejn jitkellmu; kif ben tghallimna dil-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u l-kustodja ta' minuri dejjem tigi vestita f'idejn parti wahda jew ohra. F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghex maghha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tat-tifel. In oltre, fid-dawl tan-nuqqas t'interess li l-attur dejjem wera fil-konfront t'ibnu, hija ghandha tinghata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess, b'dana illi l-minuri jirrisjedi maghha u tkun hi li tiehu d-decizjonijiet kollha importanti tal-istess minuri;

2. Illi l-esponenti ma topponix ghat-tieni talba, limitatament ghall-fatt illi r-rikorrent ghandu jkollu access versu ibnu; madanakollu hi topponi li tali access ghandu b'xi mod jigi ezercitat mir-rikorrent wahdu, minghajr il-prezenza tal-Haddiema tal-Agenzija Appogg; u dana tenut kont li l-missier ilu ma jara lill-ibnu ghal tliet snin shah, u tenut kont tal-fatt ukoll li l-minuri ghandu hafna komplikazzjonijiet ta' sahha u jrid jigi handled

attentivament u kontwinament. In oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li r-rikorrent huwa persuna ta' nazzjonalita` barranija, l-esponenti ghandha bizgha reali li huwa jista' jahrab bil-minuri minn Malta u huwa anke ghalhekk li l-access ghandu jkun wiehed supervizjonat;

3. Illi finalment, l-esponenti qed topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni u dana anke fid-dawl tal-fatt, illi l-partijiet fuq insistenza tal-attur, kellhom biss seduta ta' medjazzjoni wahda, ghax l-attur mill-ewwel iddikjara li ma kienx ser jasal fl-ebda tip ta' kompromess, specjalment f'dak li jirrigwarda l-manteniment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta ;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz taghha ippremettiet:

Illi minn relazzjoni intima bejn il-partijiet, nhar l-20 ta' Awwissu 2012, twieled il-minuri F G B E li llum ghad ghandu biss ftit inqas minn tliet snin;

Illi effettivament l-attur ilu li abbanduna l-obbligi tieghu bhala missier, sa minn meta l-minuri kien ghad kellu biss xahar, u dana wara li huwa refa' idu fuq l-esponenti u kecciha b'tarbija ta' xahar, bil-konsegwenza li hi kellha tirritorna fir-residenza tal-genituri taghha;

Illi sfortunatament l-attur abbanduna r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier mill-ewwel jum li twieled ibnu u mill-ewwel ippretenda illi l-esponenti u l-minuri jmorru ghand in-nanniet materni, biex jghinuha trabbi lill-ibnu ghax hu ddecieda illi l-istess minuri huwa l-problema tal-esponenti omm u mhux tieghu;

Illi l-attur dejjem ghazel il-hajja tal-hrug, xalar u nisa ohra fuq ibnu li ilu ma jara sa minn meta l-minuri kellu xahar u l-esponenti

dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-imsemmi minuri wahidha u dana bl-ghajnuna tal-genituri taghha;

Illi sfortunatament, il-minuri F li ghadu ta’ eta` teneressima twieled b’komplikazzjonijiet f’qalbu u kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza, kien anke ttella’ l-Ingilterra ghal diversi kirurgiji li kienu mehtiega biex huwa seta’ jkompli jghix; dan kollu sar a spejjez tal-esponenti u l-genituri taghha li kienu ta’ sapport kbir f’dak kollu li hi u binha ghaddew minnu, ghall-kuntrarju tal-attur;

Illi kien biss bl-intervent ta’ dil-Onorabbli Qorti li l-attur beda jivversa manteniment ghall-ibnu, wara kwazi tliet snin shah, u dan wara li dil-Onorabbli Qorti ordnat li l-manteniment jinqata’ direttament mill-paga tal-attur;

Illi kif juri kjarament ir-rikors guramentat tal-attur huwa m’ghandu l-ebda interess li jmantni lill-ibnu u fil-fatt it-talbiet huma limitati ghall-kura u l-kustodja u l-access; tant li l-esponenti kellha tipprosegwi bil-kontrotalba. Dan ikompli johrog bic-car, il-karattru tal-attur li ghadu sal-lum ma jridx jerfa’ r-responsabbilta` ghall-ibnu minuri!

Talbet li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri F G B E, b’dana illi l-minuri jghix mal-omm;

2. Tiffissa manteniment ghall-minuri, sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time. Konsegwentement, tordna lill-attur sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien mal-ispejjez kollha ta’ sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

3. Tordna li l-imsemmi manteniment kif ser jigi likwidat, ghandu jinqata’ direttament mill-paga tal-attur jew direttament

mis-servizzi s-socjali li huwa jista' jkun qed jippercepixxi fil-futur u jigi vversat favur l-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri;

4. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li l-attur ghandu jhallas lill-esponenti fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid tieghu sal-24 t'April 2015 u cioe` sakemm l-attur beda jmantni lill-ibnu wara digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, fis-somma ta' sitt elef u erba' mitt ewro (€6,400) f'manteniment u dan flimkien mas-somma ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) fi spejjez ta' sahha li hija nefqet wahidha, ghall-minuri binha, tul dawn l-ahhar tliet snin;

5. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri F, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur ghat-talba rikonvenzjonanti tal-konvenuta, li permezz taghha eccepixxa: (fol. 13)

1. Illi kif diga intqal fir-rikors ġuramentat promotur, minn relazzjoni li l-esponent kellu mal-intimata, fl-20 ta' Awwissu 2012, twieled tifel Zouamn G B E.

2. Illi qabel ma twieled it-tifel l-esponent kien ilu jikkoabita mal-konvenuta C D E ghal madwar hames snin u dan fl-appartmanet mikri lilu u li fih għadu jabita sallum.

3. Illi sakemm kienu jikkoabitaw l-esponent kien iħallas għall-ispejjez kollha meħtieġa.

4. Illi madwar xahar wara li twieled it-tifel il-konvenuta ddeċidiet li ma tibqax tikkoabita mal-esponent u marret

tgħix mal-ġenituri tagħha. Meta għamlet dan ħadet lit-tifel maghha.

5. Illi wara xi gimgha wara li telqet mill-appartament tal-esponent il-konvenuta marret ma huha fl-appartament tal-esponent waqt li hu kien rieqed u wara li dawn kissru l-bieb ta' barra il-konvenuta ħadet ħwejjiġha.

6. Illi mhux minnu dak allegat mill-konvenuta li l-esponent kien vjolenti fil-konfront tagħha.

7. Illi mhux minnu dak allegat mill-konvenuta li l-esponent abbanduna l-obbligi tiegħu bħala missier. Kienet il-konvenuta li ċaħħditu milli jara lil ibnu u kienet hi li qatt ma talbitu manteniment. Kien biex ma jinqalax inkwiet li l-esponent ma marx fir-residenza tal-genituri tal-kovenuta.

8. Illi fil-fatt kien l-esponent li beda l-proċedura tal-medjazzjoni biex ikun jista' jibda jara lil ibnu regolarment filwaqt li l-konvenuta nqdiet bit-talba tal-esponent biex titlob li tiġi ffissata retta alimentarja ghaliha. L-esponent hallas puntwalment dak li gie deciz mill-Qorti anke jekk sal-ġurnata mqaddsa tallum għadu qatt ma ra lil ibnu lanqas ghal minuta waħda minkejja fid-digriet tal-Qorti tal-24 ta' April 2015 fl-atti tal-medjazzjoni mibdija mill-esponent fit-12 ta' Frar 2015.

9. Illi anke fil-kaz biex tkompli tiggwadanja mid-deċiżjoni tal-Qorti rigward l-manteniment mingħajr ma tagħmel xejn il-konvenuta l-ewwel talbet ghal proroga tat-terminu tal-medjazzjoni, li giet milqugħa, u mbaghad stenniet li tircievi l-atti fil-proceduri odjerni biex taghmel il-kontro-talba taghha. Dan kollu juri l-attitudni tal-konvenuta fir-rigward tal-arretrati tal-manteniment li qed tippretendi permezz tal-kontro-talba.

10. Illi ghalhekk il-konvenuta m'ghandhiex ragun titlob ghal xi arretrati tal-manteniment ghaliex hu car li hi kienet irrinunzjat ghall-manteniment. Fil-fatt kien biss meta l-esponent beda il-proceduri biex ikun jista` jara lil ibnu li l-

konvenuta ghamlet talba ghall-manteniment u dan fl-istess procedura ta’ medjazzjoni mibdija mill-esponent u dan meta din kienet diga maghluqa. Qed issir referenza ghall-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet b’konnessjoni mal-procedura odjerna.

11. Illi fic-cirkostanzi tal-esponent u tal-konvenuta l-manteniment iffissat mill-Qorti waqt il-procedura ta’ medjazzjoni hu aktar milli wieħed sufficċċjenti u dan kif jiġi ppruvat matul il-kawza.

12. Illi bhala missier tifel minuri li jgħix Malta l-esponent għandu kull dritt għal kura u kustodja konġunta tiegħu anke jekk fiċ-ċirkosanzi jaqbel li t-tifel minuri għandu għalissa jibqa` jgħix mal-konvenuta.

13. Illi l-esponent għandu jkollu aċċess xieraq u raġonevoli għal ibnu minorenni mingħajr il-ħtieġa ta’ xi assisenza soċjali li tkun tfisser biss zjieda fl-ispejjez li l-esponent mhux f’qagħda finanzjarja li jagħmel.

Talab li t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenuta jiġu miċħuda għajr fis-sens kif imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-esponent.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Semgħet lix-xhieda li ġew prodotti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti u l-provi li tressqu;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent għall-kura konġunta tat-tifel minorenni F G B E, u sabiex jiġi ffissat aċċess regolari u adegwat għall-istess minuri. Jiġi nnutat li hemm kontra-talba da parti tal-intimata, fejn ġie mitlub li hija tingħata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F G B E, u biex jiġi likwidat l-ammont ta' manteniment li għandu jitħallas mir-rikorrent għall-minuri F, liema ammont qed jintalab li jinqata' direttament mill-paga tar-rikorrent. Inoltre`, qed jintalab ukoll kumpens li r-rikorrent għandu jħallas għall-ispejjeż u t-trobbija tal-minuri.

Il-fatti fil-qosor, huma s-segwenti:

Mir-relazzjoni tal-kontendenti, twieled il-minuri F G B E fl-20 ta' Awwissu 2012, kif jirriżulta mill-att tat-twelid esebit bħala Dok A a fol. 3 tal-proċess. Jirriżulta mill-provi li l-kontendenti m'għadhomx jgħixu flimkien, u li xahar wara t-twelid tat-tarbija l-intimata telqet mid-dar fejn kienet tgħix mar-rikorrent u marret bit-tarbija għand il-ġenituri tagħha. Illi jirriżulta wkoll li, permezz ta' digriet datat 24 ta' April 2015, mogħti fl-atti tal-medjazzjoni, mibdija permezz ta' nota numru 2015/15, ġie ordnat li *pendente lite*, l-kura u kustodja tat-tifel minuri F G B E tkun konġunta f'idejn il-partijiet, b'dan, li d-deċiżjonijiet ta' kuljum jittieħdu mill-intimata, b'mod li l-minuri jirrisjedi ordinarjament mal-intimata b'aċċess favur ir-rikorrent, inizjalment darbtejn fil-ġimgħa, siegħa kull darba taħt is-superviżjoni tal-ħaddiema soċjali tal-Appoġġ, sakemm ma tingħatax ordni oħra mill-Qorti. Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed jitlob illi l-Qorti tordna il-kura u kustodja konġunta tat-tifel minorenni, u biex jiġi ffissat aċċess regolari, xieraq u adegwat.

**Provi:**

Ir-rikorrent xehed fl-affidavit tiegħu li mir-relazzjoni li hu kellu mal-intimata, fl-20 ta' Awwissu 2012 twieled il-minuri F G B E, u li ilu ma jara lil ibnu għal żmien twil peress li mċaħħad mill-intimata biex jagħmel dan. Spjega li b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-24 ta' April 2015 mogħti fl-atti tal-medjazzjoni, ġie ordnat li *pendente lite,* l-kura u kustodja tal-minuri tkun konġunta. Qal li nonostante li għaddew erba' xhur mid-digriet, hu baqa' ma jarax lil ibnu. Semma li f'Ġunju 2015 u Lulju 2015, saru rikorsi

minnu u mill-ħaddiema soċjali fl-atti ta' medjazzjoni b'konnessjoni mad-digriet datat 24 ta' April 2015. Qal li hu qed iħallas skont id-digriet tal-Qorti l-ammont ta' Ewro 200 fix-xahar għal ibnu F.

L-attur in kontro-eżami xehed li kien dam ma jippreżenta rikors biex jara lil ibnu peress li l-intimata bdiet tirrfjuta l-aċċess. Ikkonferma li beda jħallas il-manteniment wara li hu pproċeda bil-Qorti. Qal li jaf li ibnu għandu kumplikazzjonijiet f'qalbu, iżda ma jafx meta ttella' l-Ingilterra għall-kura. Ikkonferma li preżentement hu jaħdem ma' Greenskips u ilu jaħdem hemm mill-2008, qal li reċentement ottjena 'security license' iżda din ma jużahiex u m'għandux part-time job. Hu xehed li joqgħod il-Qawra u jħallas Ewro 200 f'xahar għall-kirja, u għandu tlett karozzi. Ikkonferma wkoll li xi drabi jibgħat il-flus lill-familtu f'pajjiżu. Qal li għadu qed iħallas it-tielet karozza BMW, iżda ż-żewġ vetturi l-oħra huma mħallsin.

L-intimata in subizzjoni xehdet u qalet li iben il-partijiet għandu tlett snin, ir-rikorrent kien biss preżenti fl-ewwel xahar ta' ħajjet it-tifel u li fl-aħħar żmien beda' jipprova jara lill-minuri. Hi kkonfermat li preżentament, ir-rikorrent qed iħallas il-manteniment skont id-digriet tal-Qorti iżda preċedentement għad-digriet ma kien iħallas l-ebda manteniment. Hi konxja tal-fatt li b'digriet tal-Qorti ġie ordnat li r-rikorrent jara lil ibnu taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ. Ikkonfermat li ġiet ikkuntatjata minn rappreżentant tal-Aġenzija Appoġġ dwar l-aċċess.

C D E, l-intimata, xehdet fl-affidavit tagħha li ltaqgħet mar-rikorrent xi disa' snin ilu, wara ħames snin ħarget tqila, u meta marru igħixu flimkien beda jinqala' l-inkwiet, peress li wara x-xogħol r-rikorrent kien joħroġ u jirritorna lura wara lejl barra fis-sakra. Illi meta kienet tgħidlu biex ma jkomplix jagħmel hekk, kien jimbuttaha. Xehdet ukoll li meta nqabdet tqila hu xorta kien joħroġ u jisker, u meta kellha ħames xhur tqala, kien mar f'pajjiżu u meta welldet it-tifel, kien ġie għaliha u qalilha biex tmur tgħix għand ommha.

L-intimata xehdet li meta l-attur telaq mid-dar, kien ħalla kont ta' tmien mitt Ewro mal-Melita. Żiedet tgħid li r-rikorrent ra lit-tifel

biss fl-ewwel xahar u dan meta hi kienet tisimgħu jċempel u jitkellem u jiftiehem ma' nisa oħra u meta xorta kien joħroġ u jisker. Inoltre` qalet li ma riedx jixtri t-trab tal-ħalib għat-tifel biex jiffranka l-flus. Sussegwentement, hi telqet u marret tgħix għand ommha bit-tifel u hu m'għamilx iżjed kuntatt magħha. Kompliet tixhed li sa Mejju 2015, l-attur qatt ma mantna lil ibnu u dan sakemm fl-2015 hi talbet il-manteniment permezz ta' rikors il-Qorti. Qalet li bħala spejjeż għall-minuri, hi tonfoq Ewro 600 fix-xahar apparti l-ispejjeż tal-iskola, spejjeż tal-mediċini u l-kirja ta' Ewro 350 fix-xahar.

L-intimata in kontro-eżami xehdet li hi mill-aħħar xiehda li tat ma ħadmitx aktar. Spjegat li meta t-tifel imur l-Appoġġ twasslu hi. Xehdet ukoll li hi ma tgħix ma' missierha iżda Ħal-Għaxaq u missierha joqgħod il-Gudja. Qalet li biex tasal l-Appoġġ trid taħseb siegħa qabel b'tal-linja.

Joseph Chircop in rappreżentanza tas-Sigurta Soċjali, xehed u esebixxa Dok JC1, li juri li l-intimata tirċievi assistenza soċjali fl-ammont ta' Ewro 75.41 fil-ġimgħa bħala 'relief' għax ma taħdimx. Tirċievi wkoll bonus u children's allowance fl-ammont ta' ewro 22.23 fil-ġimgħa. Spjega li kieku hi ma kinitx qed tieħu manteniment għall-minuri r-rata ta' relief kienet tkun ta' Ewro 7.25 aktar fil-ġimgħa.

Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus, xehed u esebixxa Dok JS1 l-'employment history' tar-rikorrent, fejn jidher li mis-sena 2009 sal-lum, ir-rikorrent dejjem kellu xogħol.

Ivan Cilia in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali xehed li r-rikorrent qatt ma applika jew irċieva xejn mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali.

Tania Casa in rappreżentanza ta' Green Skip Services Limited xehdet u esebiet Dok XA1, kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent, li juri li hu 'waste assistant holder' u ilu impjegat magħhom mill-2009. Esebiet Dok XA2 sa' XA4 l-aħħar tlett pay slips tiegħu, u Dok XA5, l-FS3 tas-sena 2015.

Karen Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehdet u esebiet Dok KC1, fejn jidher li r-rikorrent għandu żewġ vetturi fuq ismu.

PC443 Vincent Mifsud xehed u esebixxa Dok VM1, kopja ta' liċenzja ta' gwardjan privat tal-attur, liema liċenzja hi valida għal sena u terga' tiġġedded wara 'refresher course'. Esebixxa Dok VM2 u VM3, rapporti li saru mill-intimata kontra r-rikorrent.

G E missier l-intimata, xehed permezz ta' affidavit, u qal li kien skopra li bintu kellha relazzjoni ma' A mbagħad kien skopra li bintu kienet tqila meta kienu jgħixu flimkien, u spega li bintu kienet baqgħet taħdem ta' dishwasher matul ix-xhur tat-tqala. Żied igħid, li xi tlett gimgħat wara li twieled it-tifel, sab lil bintu bid-demm f'imneħirha, wara l-bieb bit-tarbija, u meta saqsiha x'ġara qaltlu li r-rikorrent kien ħebb għaliha. Qal li kien ħeġġiġha biex imorru għand il-pulizija u għand l-Appoġġ, iżda bintu ma riditx. Minn dakinhar bdiet tgħix magħhom u A qatt ma reġa' deher, u qatt ma ġie jara lit-tifel jew mantnieh. Sadanittant, qal li hu bħala n-nannu tat-tifel, beda jħallas għall-ispejjeż hu. Sussegwentement, spjega li t-tifel irriżulta li kellu toqba f'qalbu, u bil-mod il-mod bdew proċess sakemm siefru li t-tifel lejn l-Ingilterra, fejn hu ħallas l-ammont ta' Ewro 1,500, u lit-tifel sal-lum ikollu 'check-ups' biex isegwuh. Qal li dak iż-żmien A lanqas biss kien jaf li ibnu kien marid sakemm stembah wara tlett snin u fetaħ proċeduri biex jibda jara lit-tifel. Spjega li minħabba l-kondizzjoni tiegħu, t-tifel għadu lura u għadu jiekol ikel bil-'liquidiser', u joqgħodu ħafna miegħu għax allaħares l-ikel jaqa' fuq sidru.

H E, omm l-intimata, xehdet li kienet taf li bintha kienet qed tgħix ma' A u li kienu qed jippruvaw għat-tfal u li bintha kienet marret għal xi testijiet St. James u ħallset kollox bintha. Spjegat li meta twieled it-tifel, bintha kienet spiss tmur għandhom, dejjem weħedha għax A ma kienx ikun hemm. Qalet li din is-sitwazzjoni damet sejra xahar sakemm imbagħad bintha marret lura d-dar magħhom flimkien ma' binha, u minn dakinhar l-hawn bdew jieħdu ħsieb it-tifel huma biss. Sussegwentement, meta rriżulta li t-tifel kellu problema f'qalbu, wara hafna testijiet, skoprew li kien

hemm bżonn jeħduh għall-kura l-Ingilterra u ħargu l-ispejjeż kollha huma.

I E, ħu l-intimata, xehed li oħtu ġiet lura d-dar ta' ommu bit-tarbija, u li kienet qalet li kienet spiċċat ir-relazzjoni tagħha ma' A għax kien qed isawwatha. Xehed li meta kienu marru biex jieħdu l-playpen ghat-tifel fil-fond fejn oħtu kienet toqgħod ma' A, sabuh fuq is-sufan, fis-sakra.

J K xehed permezz ta' affidavit u qal li hu kien marid bil-kanċer, u f'xi żmien kien avviċinah missier l-intimata G E, biex igħinhom ħalli jtellgħu lit-tifel żgħir l-Ingilterra. Qal li hu għenhom peress li kellu l-kuntatti. Spjega li iben l-intimata kien dam ġimgħa l-isptar fl-Ingilterra, u C kienet titħalla torqod miegħu, u wara kienu marru fil- 'guest house' tas-sorijiet joqgħodu hemm. Qal li s-somma għal dik il-mawra medika kienet ta' Ewro 1,500, liema somma kienet tħallset kollha minn missier C.

Dr. Noel Cutajar in rappreżentanza ta' Fexserv, xehed u esebixxa Dok NC1, elenku ta' tranżazzjonijiet li saru mir-rikorrent, il-maġġoranza tal-flus kienu intbagħtu l-Mali, u l-aħħar tranżazzjoni tidher li saret f'Novembru 2016.

Derek Camilleri, in rappreżentanza ta' Identity Malta, xehed li r-rikorrent għandu status ta' refuġjat, għandu 'residence card' valida u jista' jaħdem. Speċifika li l-ewwel l-attur daħal bħala immigrant illegali imbagħad ingħata l-istatus ta' refuġjat.

L M xehdet li r-rikorrent jikri appartament mingħandha u ilu jikri l-appartament mis-sena 2011, u dejjem ħallas l-istess ammont ta' kera ta' Ewro mitejn fix-xahar. Hija xehdet ukoll li C kienet tkun inkluża fil-kirja qabel u damet xi sentejn fil-fond mal-attur. Żiedet tghid li r-rikorrent dejjem kien puntwali fil-ħlas tal-kera.

Peter Harthsthorne xehed li huma 'sub-contractors' ta' Playmobil Malta. Ikkonferma li missier l-intimata hu impjegat part-time mal-kumpanija tagħhom. Rigward l-intimata qal li kienet tagħmel xi 'quality services' f'isem missierha għal xi żmien u dan sas-sena 2018 u fl-ewwel xhur tas-sena 2019 u xogħolha jmur lura sal-2014, fis-sens li hi kienet tiċċekja x-xogħol li jagħmel missierha.

Iżda kkonferma li finalment kien jitħallas kollox missier l-intimata, li jitħallas ammont ta' Ewro 7,000 jew Ewro 9,000. Qal li kieku kellu jikkalkula, l-pagament totali jista' jinqasam f'sittin fil-mija għax-xogħol, u erbgħin fil-mija għall-iċċekjar.

Huwa kompla jixhed in kontro-eżami u qal li C D E mhijiex impjegata mal-kumpanija, u kkonferma li għandhom diversi 'home workers' li jagħmlu l-istess xogħol.

DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawza Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[1], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[2], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[3], u H Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony

[1] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;
[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956

Scicluna[4], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut…"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[5]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."[6]

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[5] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[6] Frances Farrugia vs Duncan Caruuana, deciza fil-31 ta' mejju 2017 (Rik. Guramentat 268/11AL)

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad johroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.

(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu f-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust.

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi r-rikorrent ma aġixxiex ta' ġenitur responsabbli, billi sa' minn mindu l-minuri F kellu xahar, huwa ma kompliex isegwi u jindukra lil ibnu u saħansitra lanqas biss jaf li ibnu ta' eta` żgħira kellu jittieħed l-Ingilterra għall-kura medika minħabba kumplikazzjonijiet fil-qalb, u dan peress li l-minuri għandu toqba f'qalbu u anke komplikazzjonijiet fil-'valve' tal-qalb kif fil-fatt, jirriżulta mill-assjem tal-provi.

Mill-atti tal-każ u mis-serje ta' ritratti esebiti Dok AS1 a fol 267 et seq tal-proċess, irriżulta li l-minuri kellu jittella' l-Ingilterra għal kirurġijia sabiex ikompli jgħix, u kellu u għad għandu bżonn attenzjoni kontinwa minħabba l-kundizzjoni medika tiegħu, tant li kif ikkonfermat l-intimata u missierha, il-minuri F għadu mhux kapaċi jiekol waħdu, u konsegwentement għall-operazzjonijiet li għadda minnhom, għandu għadam imqabbeż kif jidher fir-ritratti esebiti a fol 274 sa 275 tal-proċess, jekk illi il-minuri jaqa' u jiġi fuq sidru jista' jkollu konsegwenzi serji. Illi ġie anke ppreżentat rapport dwar l-iżvilupp tal-minuri F B E, kif maħruġ mid-Dipartiment tal-Kura Primarja tal-Klinika Distrettwali ta' Hal Ghaxaq[7].

Għalhekk, evidentement, din il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tac-ċirkostanzi partikolari u r-riżultanzi ta' dan il-każ. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li r-rikorrent, fl-ewwel snin ta' ħajjet il-minuri ma aġixxiex ta' ġenitur responsabbli, u r-responsabbilta` għall-għixien, it-trobbija u l-kura medika neċessarja fil-każ in eżami waqgħu kollha fuq l-omm matul dan il-perjodu.

Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kien iddekada mill-obbligu ta' manteniment tiegħu matul l-ewwel snin ta' ħajjet il-minuri. Illi mill-assjem tal-provi, jirriżulta li kien biss sussegwentement għal rikors ippreżentat da parti ta' C D E f'Mejju 2015, li hu beda jħallas il-manteniment dovut għall-minuri F, nonostante li sa minn qabel twieled il-minuri l-attur dejjem kellu impjieg f'Malta.

Għalhekk, din il-Qorti tikkondividi l-oppożizzjoni tal-intimata fir-risposta tagħha għall-ewwel talba tar-rikorrent għall-kustodja konġunta. Tenut kont anke tal-bżonnijiet u l-kura speċjali li għandu bżonn il-minuri minħabba l-kundizzjoni medika tiegħu, Il-Qorti rat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri F m'għandhiex tkun konġunta bejn il-partijiet iżda għandha tiġi unikament u esklussivament fdata f'idejn il-konvenuta C D E. Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' l-ewwel talba tal-intimata rikonvenzjonanti, u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri f'idejn l-omm C D E, b'dan li hija awtorizzata li tieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar il-minuri weħedha, inkluż deċiżjonijiet ta' saħħa u edukazzjoni.

---

[7] Rapport esebit a fol 148 et seq.

Dwar l-aċċess, it-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors promotur, din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-intimata fir-risposta tagħha u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ma opponietx għall-aċċess lir-rikorrent, sakemm tali aċċess iseħħ fil-preżenza tal-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ. Ikkunsidrat ukoll id-diversi rapporti esebiti fl-atti mħejjija mill-Aġenzija Appoġġ. Jiġi nnutat li f'nota tal-Aġenzija Appoġġ, esebita a fol 155 tal-proċess, hemm referenza għad-digriet tal-Qorti datat 19 ta' Jannar 2017, wara li A kien waqaf jattendi l-viżti mingħajr ma avża l-Aġenzija Appoġġ, u kien qal biss lill-omm li kien ser isiefer. Fil-fatt jirriżulta li A siefer darbtejn għal diversi xhur matul il-perjodu in kwistjoni li fih kien qed isir l-aċċess fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Aġenzija Appoġġ. Illi ġie sostnut mill-Aġenzija Appoġġ li m'hemm l-ebda oppożizzjoni sabiex isir l-aċċess b'superviżjoni, sakemm A, l-attur iżomm kuntatt mal-Aġenzija. M'hemmx kontestazzjoni li l-aċċess u l-viżti bejn il-missier u l-minuri taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ, bdew fil-mori ta' din il-kawża.

Illi fin-nota ippeżentata mill-Aġenzjia Appoġġ, rilaxxata mill-Haddiema Soċjali Andreana Gellel, esebita bħala Dok AG1, a fol 230 et seq tal-proċess, ġie dikjarat li l-aħħar viżta nżammet fit-3 ta' Awwissu 2018, u li s-sur A kien għamel l-almu tiegħu biex iqatta' l-ħin u jilgħab ma' ibnu.

Dwar l-aċċess, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors promotur, u takkorda aċċess lir-rikorrent rikonvenzjonat ta' darba fil-ġimgħa, liema aċċess għandu jsir dejjem taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ.

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenitur, iżda huwa obbligu assolut. L-obbligu tar-rikorrent li jħallas il-manteniment għal ibnu huwa intrinsiku mal-fatt li persuna tkun ġenitur. L-obbligu tal-manteniment hu regolat bil-liġi u d-deċiżjoni tal-Qorti ma tistax tkun mod ieħor.

Fil-każ in eżami, irriżulta mill-provi prodotti li sa mit-twelid tal-minuri, l-attur dejjem kellu impjieg fiss u regolarli ma' Green Skip Services Limited. Mix-xiehda ta' Tania Casa, u mid-dokumenti

esebiti, l-aħħar payslips jirriżulta l-introjtu tar-rikorrent. Jiġi osservat li oltre` għat-trobbija tal-minuri, hemm bżonn ta' spejjeż ulterjuri minħabba s-sitwazzjoni medika tal-istess minuri. Fil-fatt, jiġi osservat li din il-Qorti, sussegwentement għar-rikors ta' C D E tat-28 ta' Novembru 2017, tat digriet datat 18 ta' Dicembru 2017, li permezz tiegħu A B ġie ordnat iħallas Ewro 300 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, liema ammont jikkomprendi sehemu mill-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Għalhekk, in vista tat-talba tal-intimata, il-Qorti qed tistabilixxi manteniment pagabbli lill-intimata C D E għall-minuri bir-rata ta' Ewro 300 kull xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u li jkun jinkludi wkoll is-sehem tal-attur mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. Tali manteniment jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollu tmintax-il sena. Jekk l-istess minuri meta jsir maġġorenni ikun qed jistudja fuq bażi full-time, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-attur sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bażi full-time jew jilħaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita` sseħħ l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż "children's allowance" għandu jkun perċepibbli mill-konvenuta. Jekk il-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li għalaq it-tmintax-il sena u jkun għadu qiegħed jistudja fuq bażi full-time, il-manteniment jrid jitħallas mill-attur lill-wild direttament u dan sakemm il-wild jagħlaq it-tlieta w għoxrin sena.

L-intimata rikonvenzjonanti talbet ukoll li r-rikorrent iħallas l-ispejjeż għat-trobbija u kura tal-minuri mid-data tat-twelid sad-data meta r-rikorrent beda jmantni lil ibnu wara digriet mogħti mill-Qorti. L-intimata sostniet li f'dak il-perjodu ta' żmien hi nefqet Ewro 6,400 f'manteniment flimkien mas-somma ta' Ewro 1,300 fi spejjeż ta' saħħa li hi nefqet għal binha minuri matul dawk is-snin. Jiġi osservat li l-intimata esebiet prospett bl-ispejjeż kollha għat-trobbija tal-minuri. Il-Qorti rat ukoll li fid-dokument esebit a fol. 149 jidher li tħallas l-ammont ta' ħames mija u ħamsa u għoxrin sterlina (£525) lill-Franciscan Sisters f'Londra meta l-minuri ttieħed l-Ingilterra għall-kura. Jigi osservat, li dawn l-ammonti mhumiex bl-ebda mod ikkontestati mill-kontro-parti. Għaldaqstant, din il-Qorti, tordna lir-rikorrent iħallas l-ammont ta'

Ewro 1,300 fi spejjeż ta' saħħa li ntefqu għall-minuri. Inoltre`, tordna li r-rikorrent għandu jħallas ukoll l-ammont ta' Ewro 6,400, l-ammont ta' spejjeż għat-trobbija tal-minuri, meta hu ma kienx qed iħallas l-ebda manteniment. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' C D E ġie spjegat li dan l-ammont ta' Ewro 6,400 inħadem b'rata mensili ta' mitejn ewro (Ewro 200) fix-xahar li r-rikorrent suppost kellu joħroġ għat-trobbija tal-minuri fl-ewwel snin ta ħajjet it-tifel. Hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx ma dak sottomess mir-rikorrent fir-risposta għall-kontro-talba fl-għaxar paragrafu tar-risposta tiegħu. Hu kkontenda li l-intimata rikonvenzjonanta kienet irrinunzjat għall-arretrati ta' manteniment peress li kien biss meta hu pproċeda biex ikollu aċċess regolari u adegwat għall-minuri li hi talbet għall-manteniment fl-istess proċedura ta' medjazzjoni. F'dan il-kuntest, jiġi ritenut li kif diġa ribadit l-obbligu tal-manteniment hu intrinsiku mill-fatt li wieħed ikun ġenitur, liema obbligu joħroġ mill-istess liġi. Il-Qorti rat ukoll li dan l-obbligu jirrisali mid-data tat-twelid tat-tifel.  Illi għalhekk din il-Qorti ser tilqa' r-raba' talba tal-intimata rikonvenzjonanti billi tordna lill-attur iħallas l-ammont ta' Ewro 7,700 bħala arretrati tal-ispejjeż għat-trobbija tal-minuri f'liema perjodu hu ma kienx ħallas l-ebda manteniment u inkluż ukoll l-ispejjeż mediċi li ntefqu għall-minuri.

Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti, filwaqt li tirrispinġi mill-ewwel sat-tnax-il eċċezzjoni fir-risposta tar-rikorrent rikonvenzjonat għall-kontro-talba. In segwitu, tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent fir-rikors promotur, u tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors promotur stante li din mhijiex opposta, u konsegwentement tilqa' t-tlettax-il eċċezzjoni fir-risposta tar-rikorrent rikonvenzjonat.

**<u>Decide</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent billi tiffissa aċċess ta' darba fil-ġimgħa sabiex ir-rikorrent jiltaqa' ma ibnu darba fil-ġimgħa, dejjem taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ.

In segwitu, tilqa' t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri F G B E, unikament u esklussivament f'idejn l-omm C D E, b'dan li l-minuri igħix mal-omm.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-rikorrent rikonvenzjonat iħallas l-ammont ta' Ewro 300 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri F, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u li jkun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm il-minuri jagħlaq tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri meta jsir maġġorenni ikun qed jistudja fuq bażi full-time, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mir-rikorrent rikonvenzjonat, sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bażi full-time jew jilħaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skont liema eventwalita` sseħħ l-ewwel. Jekk il-wild jagħżel li jmur jgħix għal rasu u jkun qiegħed jistudja fuq bażi full-time, il-manteniment jitħallas direttament lilu sakemm jagħlaq l-eta' ta' tlieta w għoxrin (23) sena.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna l-imsemmi manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga tar-rikorrent u jew mis-servizzi soċjali li huwa jista' jkun qed jipperċepixxi fil-futur, liema ammont ta' manteniment għandu jiġi versat favur l-intimata rikonvenzjonanti għall-bżonnijiet tal-minuri.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lir-rikorrent iħallas l-ammont ta' sebat elef u seba' mitt Ewro (Ewro 7,700) lill-intimata rikonvenzjonanti.

5. Tilqa' l-ħames talba u tordna li l-minuri isiefer biss mal-omm C D E għal raġunijiet mediċi jew motivi oħra ta' safar skont il-ħtieġa. Tordna li l-minuri F ikompli jattendi l-iskola li qed jattendi u tawtorizza lill-omm tiegħu d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw is-safar, l-attivitajiet extra-kurrikulari u s-saħħa u edukazzjoni tal-minuri weħidha mingħajr il-bżonn ta' firem jew awtorizzazzjoni minn naħa tal-missier.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent rikonvenzjonat.